MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 273/2001/1

**Morina Aquasport Limited**

**Vs**

**Underwater Enterprises Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma' ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm482.56) dovuta bhala prezz ta' materjal lill-konvenut mibjugh u konsenjat.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Dicembru 2000 u bl-imghax mi-data tal-konsenja kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 23 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi preliminarjament, l-intempestivita’ ta’ l-azzjoni odjerna stante illi wara l-ittra li rceviet mis-socjeta’ konvenuta fil-5 ta Marzu, 2001, s-socjeta’ attrici qatt ma tat rendikont dettaljat jew spjegazzjoni lil dik konvenuta kif lilha rikjest;
2. Illi in meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba attrici, in ogni kaz, hija wahda eccessiva, stante illi r-rata imposta mis-socjeta’ attrici ghat-tank ta’ ‘air fills’ hija ‘l fuq mir-rata ordinarja generalment imposta;
3.Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota tas-socjetajiet kontendenti a fol 53 tal-atti w il-kontenut tal-istess nota.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fl-imsemmija <u>nota konguntiva</u> jinghad illi:-

1. Is-socjeta attrici qed <u>tirriduci</u> l-ammont pretiz fl-avviz ghas-somma ta’ <u>Lm238.79,0.</u>
2. Is-socjeta konvenuta qed <u>tammetti</u> it-talba ghall-hlas <u>kif ridotta</u> .
3. Is-socjeta attrici qed tobbliga ruhha li thallas l-ispejjes kollha gudizzjari inkluzi dawk tas-socjeta konvenuta.

Illi, ghalhekk, dan il-kaz qed jigi deciz a basi tat-transazzjoni kif specifikata fl-istess nota.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talba attrici, kif ridotta u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm238.79 bl-imghax legali mid-data tallum stess sal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes kollha gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’

Dicembru 2000, il-Qorti tordna li dawn jithallsu kollha kemm huma, mis-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------